

Il-fundatur tal-Leġjun ta' Marija, **Frank Duff** twieled f'Dublin, l-Irlanda, fis-7 ta' Ġunju, 1889, l-ewwel fost sebat aħwa ta' John Duff. Fl-1907, ta' tmintax-il sena huwa daħal jaħdem mal-gvern fejn irtira fl-1934 biex jingħata kompletament għal Leġjun ta' Marija.
Fl-1913 daħal membru tas-Soċjetà ta' San Vinċenz de Paule, fi kienet tagħmel xogħol mal-foqra ta' Dublin. Bħala membru f'din is-Soċjetà huwa tgħallem jgħix il-Fidi Kattolika b'impenn sħiħ. Frank Duff imtela bi spirtu biex jingħata għal ħidma fost il-fqar u n-nies l-aktar batuti u mwarrbin għax fihom kien jara lil Sidna Ġesù Kristu.
Fl-1916 huwa ħareġ l-ewwel ktieb tiegħu "*Can we be Saints?"*. F'dan il-ktieb Duff jirrakkonta dwar l-akbar konvinzjonijiet ta' ħajtu, dik li kull persuna hija msejħa għal qdusija permezz tat-twemmin kattoliku u kulħadd għandu l-mezzi biex jintlaħaq dan l-iskop.
Fl-1917 Frank Duff ġie ispirat mit-tagħlim tat-trattat famuz ta' San Lwiġi Marija de Montfort "*True Devotion to the Blessed Virgin"* li bidillu ħajtu kompletament.
Kien is-7 ta' Settembru, 1921, fit-8 ta' fil-għaxija, lejlet il-festa tat-Twelid ta' Marija *f'Myra House, Francis Street, Dublin,* l-Irlanda. Flimkien ma' grupp żgħir ta' nisa Kattoliċi u saċerdot Fr. Michael Toher, saret l-ewwel laqgħa. L-isem ta' l-ewwel fergħa kien "Sidtna Marija tal-Ħniena". Fil-bidu, din l-għaqda kienet tissejjaħ "L-Għaqda ta' Sidtna Marija tal-Ħniena" għax kienet tiffoka fuq viżti lil morda u xjuħ fi sptarijiet u djar.
Fl-1965, huwa ġie mistieden mill-Papa Pawlu VI biex jattendi l-Konċijlu Vatikan II bħala osservatur lajk.
Frank Duff mexxa b'mod l-aktar erojku l-firxa tal-Leġjun madwar id-dinja sal-punt tal-mewt tiegħu fis-7 ta' Novembru, 1980, fl-età ta' 91 sena f'Dublin fejn ġie midfun fiċ-ċimiterju ta' Glasnevin. F'Lulju ta' l-1996, il-Kardinal Desmond Connell ipprezenta il-kawża tal-kanonizazzjoni tiegħu.

**Laqgħat tal-Praesidium f'Ħad-Dingli**

**Jum**: Kull nhar ta' Erbgħa **Ħin**: 5:00 - 6:00pm **Post**: Fil-Knisja Parrokkjali





Fuljett maħruġ mill-Praesidium

# Marija Mtellgħa s-Sema
## Ħad-Dingli

Maħruġ fil-Festa ta' Santa Marija Mtellgħa s-Sema

**Leġjun ta' Marija**

**Ħarġa Nru. 2**
**21/08/2022**



Għeżież,
Waqt li nsellmilkom, nirringrazzjakom talli stedintuni biex nikteb dan il-messaġġ biex inkomplu nitħeġġu fil-fidi tagħna murija sew bl-istqarrija kif ukoll bil-għemil, hekk kif insibuhom b'mod mill-aktar eżemplari u konkret fil-Verġni u Omm tagħna, Sidtna Marija. Nirringrazzja lil Alla għalikom, u lilkom ukoll tal-paċenzja, l-impenn u d-dedikazzjoni li diġa' stajt ninnota fikom f'dawn il-ftit xhur li ilni magħkom, kemm għal-laqgħat, fejn bħala leġjunarji tattendu bi ħġarkom, kif ukoll għall-inizjattivi li tieħdu, fosthom dan il-fuljett li jitqassam f'diversi djar u realtajiet tal-parroċċa tagħna.
Jien u nħares u nikkontempla l-istatwa titulari tant għażiża ta' Santa Marija mtellgħa s-sema, il-qaddisa patruna tar-raħal tagħna, f'qalbi, b'mod tista' tgħid awtomatiku, beda jidwi l-kliem tat-talba ***Memorare***, li tassew togħġobni:

***Ftakar ja l-iżjed ħanina, Omm Verġni Marija***
***li qatt ma nstema' li xi ħadd intefa' taħt il-ħarsien tiegħek,***
***talbek il-għajnuna jew fittex li tidħol għalih,***
***u inti ma smajtux.***
***Imqanqal min dan il-ħsieb, għal għandek niġri,***
***ja Verġni Omm tiegħi;***
***għandek niġi, quddiemek noqgħod, midneb u niedem,***
***ja Omm l-Iben t'Alla magħmul bniedem,***
***la tistmerrx it-talb tiegħi, iżda ismagħni u weġibni. Ammen.***

*(ikompli f'paġna 2)*

Tassew talba li l-kliem tagħha jesprimi fiduċja u familjarità sħiħa ma' din l-Omm li hi dejjem preżenti għalina u tgħinna fil-mixja ta' ħajjitna. Jien inħobb insejjaħ lil din it-talba bħala att qawwi ta' kunfidenza u garanzija sħiħa ta' ħniena u appoġġ fil-ħtiġijiet tagħna.

U għiduli, meta ma nħossux il-bżonn li nduru lejha, li nintefgħu taħt il-ħarsien tagħha, u hekk nitolbuha biex tkun ħanina magħna u ta' għajnuna għalina?

Żgur fil-mumenti ta' tħassib u deċiżjonijiet, żgur fil-ġdid ta' ħajjitna, żgur f'esperjenzi ta' sfida, żgur fil-mard u mumenti ta' tbatija, żgur f'mumenti ta' firda minn xi ħadd għażiż. U jien f'dan il-mument ta' ħajti, żgur fil-bidu ta' din il-preżenza u l-ħidma tiegħi bħala r-ragħaj spiritwali tagħkom.

**Magħha u bi kliemha, indur lejn Alla u bħalha ngħidlu:**
***"Ħa jsir minni skont kelmtek."*** *(Lq 1,38)*

U lilha nitlob għax fl-imħabba u l-qdusija tagħha hi ħienja;
lilha nitlob għax fl-offerta ta' ħajjitha hi deċiża;
lilha nitlob għax fl-għożża ta' qalbha hi umli;
lilha nitlob għax fil-pariri tagħha hi għarfa;
lilha nitlob għax fit-tbatijiet tagħha hi kuraġġuża;
lilha nitlob għax fit-talb magħha niskopri l-Knisja
u nimtela bis-sħiħ bl-Ispirtu Qaddis
li jgħinni nagħraf li Alla jgħammar fija,
u li jien imsejjaħ biex, bħalha, ngħix għalih!

***"Ħa jsir minni skont kelmtek."***

Kan. David Farrugia
Arċipriet



**KONT TAF LI..?**

- Fl-1980, ġewwa l-Amerika ta' Fuq, il-muntanja "**St Helen**" splodiet u 4,600 pied minnha sparixxew. Inqerdu mas-70,000 siġra u l-irmied li ħareġ mill-krateri mill-punent tal-Amerika wasal sa New York (fil-lvant tal-Amerika).
- Taf x'inhu ***geyser***? Ilma sħun li joħroġ mill-art b'forza qawwija li jista' jitla' fl-arja iktar minn 1,500 pied għoli. New Zealand imsemmija ħafna għal dawn il-*geysers.*
- L-ikbar xmara tad-dinja hija l-**Amazon**. Il-kontenut ta' din ix-xmara jokkupa 20% tal-ilma ħelu tad-dinja kollha. L-Amazon tibda mill-Peru', tgħaddi mill-Brażil u tispiċċa fl-Oċean Atlantiku.
- Fl-1960, żewġ esploraturi – **Jacques Picard** u **Don Walsh** niżlu f'fond ta' 35,800 pied fl-Oċean Paċifiku, f'post jismu "Mariana Trench" li, s'issa, għadu ħadd ma niżel hekk fond. Fl-isess waqt, 12-il bniedem ivvjaġġaw għall-qamar b'distanza ta' 238,000 mil 'il bogħod mid-dinja.

**Novena għas-Saċerdoti**



O Marija, Omm ta' Ġesu', int kont ma' Ġesù fil-bidu ta' ħajtu u tul il-missjoni tiegħu. Int bqajt ħdejn Ġesù meta kien merfugħ fuq is-salib u ta ħajtu għal kulħadd. Nitolbuk issa, tkun mas-saċerdoti, li taw lil-hom infushom f'servizz lejn il-poplu t'Alla. Interċedi għalihom biex huma jikbru fil-qdusija, ixandru l-Kelma t'Alla bil-kuraġġ; jiċċelebraw is-Sagramenti bil-ferħ; u jkunu qalb il-poplu t'Alla bħalma kien Ġesù, ir-Ragħaj it-Tajjeb. Noffru din it-talba lil Alla l-Missier, permezz tal-interċessjoni tiegħek, f'isem Ibnek Ġesù, u bil-qawwa tal-Ispirtu s-Santu. Ammen.

## Kull darba



Missier, kemm drabi ħassejtni tiela' t-telgħa taħt ix-xemx qalila, u l-ħofor ibenġluli riġlejja. Kemm drabi xtaqt li qatt ma ħlomt li nerfa' salibi u nġorru tul it-telgħa iebsa. Kemm drabi xtaqt inħares lura u nerġa' ndur u ninżel u ninsa li warajja nkun ħallejt salibi! Kemm drabi qtajt qalbi meta 'l quddiem inħares u xejn ma jidher ħlief xewk u għollieq. Kemm drabi l-uman tiegħi waqa' taħt it-toqol tas-salib. Iżda Missier, kull darba li qtajt qalbi, kull darba li ħarisit lura, kull darba li waqajt, kull darba kont hemm Int Mulej. U ħassejt bħal velu t'imħabba jiġborni, idewwili kull ġerħa, jgħinni nerfa' salibi u nkompli miexi t-triq imħarbta.

Missier, kull darba li kollox jidher mitluf, kull darba li nħossni waħdi miexi t-triq tas-salib, kull darba li nħosssni mifni u mitluq, nagħlaq għajnejja u f'qalbi tissawwar talba. Missier, kun Int is-saħħa tiegħi, kun Inti l-kollox tiegħi, kun Inti l-bidu u t-tmiem tiegħi. Għax jekk mingħajrek.. kollox jispiċċa fix-xejn bħad-duħħan. U ħajti mbagħad tispiċċa bla sens.

Missier, meta nixmi fit-triq, meta nistrieħ taħt il-ħajt tas-sejjieħ, meta ħbiebi ma jagħrfuniex, meta l-hemm u l-uġiegħ tal-ħajja jagħfsu fuqi, meta nfittex għalxejn qalb li taf tħobb, meta nħares 'l fuq lejn l-għolja u nara l-ġebel ippuntat; qalbi tingħafas u d-dmugħ iġelben. Imma Missier, dlonk niftakar li kull darba li qalbi tingħafas u d-dmugħ iġelben ikun hemm Int, għax Int Missier li taf tħobb. U dlonk nerġa' naqbad it-triq u nimxi fis-skiet. **JM**



## NARAW LIL ALLA F'KOLLOX – IL-GRATITUDNI



Minkejja r-rutina ta' kuljum fix-xogħol tagħna, m'hemmx għalfejn immorru 'l bogħod sabiex napprezzaw (jew nindunaw) li aħna ninsabu mdawrin b'meravilji li, kuljum, Alla jogħġbu jferraħna bihom. Ikkunsidra rixa t'għasfur tal-bejt – dik id-delikatezza tal-filamenti tagħha, l-ebda waħda m'hi bħall-oħra u, kollha flimkien, jiffurmaw ħlejqa li kapaċi ttir. U xi ngħidu għall-fjuri – dawk il-kuluri sbieħ, dawk il-forom simmetriċi, jew il-weraq li, kollha flimkien, jagħmlu siġar hekk sbieħ! Huma meravilji li jferrħu l-qalb!

Alla huwa l-għajn ta' kull ġid li l-bniedem igawdi minnu. Nieħdu t-turiżmu – min ħalaq il-muntanji, ix-xmajjar, l-ibħra, il-foresti, l-annimali u l-għasafar? Min ħalaq il-metalli li huma l-bażi tal-industrija tal-manifattura? Kemm miljuni ta' nies isibu xogħol mit-turiżmu u l-manifattura! Hekk ukoll fl-attivitajiet umani kollha. Kollox jiddependi minn Alla,

Huwa minnu li d-dinja mhix kollha ward u żahar, iżda lanqas m'hi kollha telgħa jew tbatija. Alla kuljum qed iroxxilna b'xejn ħafna grazzji kbar – fosthom is-saħħa, ix-xita, is-sħana tax-xemx, il-ġranet sbieħ, il-meravilji tan-natura, l-istess familja tagħna?. Dawn il-grazzji m'għandniex neħduhom "***for granted***" iżda għandna nirringrazzjaw lil Alla tal-ġid kollu li jagħtina għax Alla ħerqan għall-gratitudni tagħna..

Jekk dawn il-ħwejjeġ sbieħ inżommuhom quddiem għajnejna, nidraw ngħixu l-ħajja b'sens ta' ottimiżmu – ħaġa li hija mportanti ħafna, speċjlament fir-relazzjonijiet tagħna mal-familja, mal-proxxmu u anke magħna nfusna. Fil-ħajja m'għandux ikun hemm lok għal pessimiżmu iżda, bħal Marija, għandna nifirħu f'Alla u nfaħħruh ta' kull ma jagħmel magħna.

Bro. Paul Ebejer
President



## Il-Basla

*Kelma ta' Kuraġġ*

Kulħadd jaf kif inhi basla. Hija ħaxixa li minn barra tidher bla gost għax niexfa. Anke wara li tagħmel xi ħmerija, issib min jgħidlek "qisek basla". Min hu anzjan jaf li m'għadux li kien – b'saħħtu u enerġiku.

Issa, skont kif se tħares lejn il-basla. Ix-xitan iħajrek tħares minn barra – qxur niexfa. Jgħidlek li int m'għadekx tajjeb għal xejn u jipprova jaqtagħlek qalbek biex ma tkomplix tgħix ħajtek bil-kuraġġ u tkompli bl-opri tajba u t-talb, iħajrek tintelaq u tabbanduna kollox.

Iżda l-Mulej jgħidlek: "Ara neħħi ż-żewġ qoxriet niexfa ta' barra u ara x'jiġri. Issib frotta friska li tarmi aroma qawwija u li tgħaxxaq in-nies tal-madwar! Il-basla hija magħmula minn saffi li kull kull saff fih miljuni ta' ċelluli li kull waħda minnhom tarmi l-aroma. **Dawn iċ-ċelloli ifuħu huma l-ħidmiet, is-sagrifiċċji u l-imħabba li tajt tul ħajtek lil Alla u lill-proxxmu!**"

Din l-aroma tiegħek hija dejjem magħġuba quddiem Alla li jħobbok. Alla ma jħarisx lejn ix-xjuħija u l-iżbalji tiegħek iżda lejn l-opri ta' mħabba li tkun għamilt. Għalhekk, ħabib, kompli bil-ħidma ta' opri tajba lejn il-proxxmu u lejn Alla u tagħtix każ ta' min irid jaqtagħlek qalbek.

Kuraġġ ħabib, għax Alla jħobbok.

Bro. Albert Sammut



## L-Istorja tal-Bandiera tal-Unjoni Ewropeja.



Fl-1955, Arsène Heitz u Paul Lévy iddisnjaw il-bandiera tal-Kunsill ta' l-Ewropa. Fl-1985 ġiet addotata mill-Komunità Ekonomika Ewropeja, illum l-Unjoni Ewropeja, bħala l-bandiera uffiċjali tagħha.

Paul Lévy, kien dixxendent Lhudi mill-Belġu li stqarr li jekk jirnexxielu jsalva minn qillet il-gwerra, huwa jikkonverti għal Kristjaniżmu. Fil-fatt, huwa salva u sar Kattoliku. Meta l-Kunsill ta' l-Ewropa ġie ffurmat, hu kien jokkupa l-kap tad-Dipartiment tal-Kultura ta' l-istess Kunsill. Id-disinn tal-bandiera ta' l-Ewropa kien f'idejn Arsène Heitz.

Arsène Heitz kellu devozzjoni profonda u qawwija lejn id-Domna



Mirakoluża tal-Madonna ta' Rue de Bac. Din id-Domna għandha 12-il stilla fuq wara. Heitz ġie mnebbaħ mill-vers 12:1 ta' l-Apokalissi "U deher sinjal kbir fis-sema: Mara, liebsa x-xemx, bil-qamar taħt riġlejha, u b'kuruna ta' tnax-il kewkba fuq rasha". Huwa poġġa din l-emblema fuq il-bandiera tal-Kunsill ta' l-Ewropa b'isfond Ikħal.

Fil-21 ta' Ottubru, 1956, il-Kunsill ta' l-Ewropa, ippreżenta tieqa ta' l-*stained glass* bix-xbieha tal-Verġni Marija b'idejha miftuħa u ċ-ċkejken Ġesù f'ħoġorha żżomm ġilju f'idejħ., għal katidral ta' Strassburgu. Il-Madonna tidher imdawra bi tnax-il kewba fuq sfond ikħal skur. L-artist ta' dan ix-xogħol kien il-mastru fl-*stained glass*, Max Ingrand. Din fil-fatt hija magħrufa bħala "**The Window of the Virgin**". Il-ħsieb ta' din il-biċċa xogħol ta' arti hu s-simboliżmu tal-paċi u rikonċiljazzjoni. **JM**

## IL-VALUR U L-QAWWA TAR-RUŻARJU (2)



*Kitba ta' Bro. Paul Ebejer*

Fil-ħarġa ta' qabel fost l-oħrajn, kellna eżempju tal-ewwel Misteru tal-Ferħ fejn lid-dehra immaġinarja tal-Anġlu Gabriel iħabbar lil Marija ġiet imżejna b'ċirkostanzi, li min ikun qed jirreċta r-Rużaiju jista' jġib quddiem għajnejh. B'hekk, ir-Rużaiju qatt ma jsir monotonu.

Fil-prattika, dan il-metodu japplika għall-misteri kollha tar-Rużaiju - l-għoxrin li huma. Nistgħu ngħaddu, mela, għall-misteru ta' warajh (u l-aħħar eżempju) - **meta Marija marret iżżur il-qariba tagħha Eliżabetta.** Hawnhekk, naraw lil:- **(a)** Marija tħaffef biex tgħin lil Eliżabetta **(b)** Ġwanni l-Battista, fil-ġuf t'Eliżabetta, jaqbeż bil-ferħ hekk kif Marija ssellem lil Eliżabetta, **(c)** Eliżabetta ssejjaħ lil Marija "Omm Sidi" i.e "Omm Alia", **(d)** il-*Magnificat* ta' Marija, **(e)** it-twelid ta' Ġwanni l-Battista **(f)** Żakkarija, l-imbikkem, li jerġa' jitkellem hekk kif semma 'l ibnu Ġwanni, skont ir-rieda t'Alla u **(g)** l-istagħġib tan-nies għal dan kollu. Altru li r-Rużariju mhux monotonu. **Minn hawn naraw ukoll kemm hu ta' benefiċċju li wieħed ikun familjari mal-Kelma t'Alla.**

**Il-Misteri tar-Rużarju huma realtajiet li seħħew u huma kbar immens għax huma marbutin mal-Istorja tal-Salvazzjoni kif imfassla minn Alla nnifsu u attwati bil-koperazzjoni ta' Ġesù u Marija. Fiċ-ċentru tagħhom insibu l-Iben t'Alla, Gesù Kristu. Fil-ħolqien, Alla ħoloq lill-bniedem bħala l-isbaħ opra tiegħu, opra tant sabiħa li, meta l-bniedem dineb gravament, Alla nnifsu sar bniedem, imwieled minn mara, u ħalla ħajtu biex isalvah għal dejjem. Il-Misteri tar-Rużarju Mqaddes huma, għalhekk, marbutin ukoll mal-etemita'.**





## IL-PAPIET
### Introduzzjoni

Mhux faċli (tikkummenta) fuq suġġett storiku li għadu sejjer mindu beda 2,000 sena ilu – jiġifieri minn San Pietru sa' Papa Franġisku, il-Papa preżenti.

Niltaqgħu ma' ħafna ntoppi f'din il-medda ta' 20 seklu ta' storja mqallba u mħawda li ħafna drabi, m'għandna xejn x'hiex nibbażaw fuq dokumenti storiċi.

L-ewwel storiku li għandna fuq l-ewwel papiet huwa Ewsebju li kien jgħix fir-raba' seklu wara Kristu.

Niltaqgħu ma' papiet li mietu martri fil-persekuzzjonijiet rumani sakemm l-imperatur Kostantinu l-Kbir ta l-liberta' lill-Knisja Kattolika fi żmien il-Papa San Silvestru (314-335 AD).

Niltaqgħu ma' papiet li kienu mundani ħafna bħal Ġulju II (1503-1513), Alessandru VI (1492-1503), oħrajn bħal Innoċenzju III (AD 1198-1216) kien ħsiebu biex jaħkem temporalment bħala mexxej politiku iktar milli spiritwali. Oħrajn organiżżaw Konċilji ekumeniċi biex isaħħu duttrina tradizzjonali tal-knisja bħal Pawlu III (1534 – 1549), Pawlu IV (1555 – 1559), Piju I (1848 – 1878), Giovanni XXIII (1958 – 1978). Dan l-aħħar, kellna Papiet tassew għorrief bħal Piju XII (1939-1958), Ġwanni Pawlu II (1978 – 2005) , Benedittu XVI (2005 -2013). Fl-aħħarnett, kellna qaddisin kbar ukoll – (San Piju X (1903 – 1914), San Giovanni XXIII (1958 – 1963), San Pawlu VI (1963 – 1978) u San Ġwann Pawlu II (1978 – 2005).

Inbdiet il-kawża tal-beatifikazzjoni wkoll ta' Papa Ġwann Pawlu I li rrenja biss 33 ġurnata fis-sena 1978.

Kif sa jkunu l-papiet taż-żmien li ġej fuqna? L-Ispirtu s-Santu biss għandu tweġiba għal din il-mistoqsija.

Rev. Fr Vincent Magro MSSP

**Totus Tuus** (Jiena kollni tiegħek)




L-istemma tal-qaddis Papa Ġwanni Pawlu II hija bluna b'salib tad-deheb u fuq il-lemin in-naħa t'isfel hemm l-ittra **M** (għal Maria). *Totus Tuus* għax dan il-qaddis Papa ried ikun il-kollox għal Ommna Marija.

Aħna bħala leġjunarji fil-konsagrazzjoni personali nitolbu "Jiena kollni tiegħek, Sultana u Omm tiegħi, u kull ma għandi huwa tiegħek". Aħna wkoll għandna nżommu din il-frażi *Totus Tuus* bħala l-mudell per eċċelenza ta' ħajjitna u għal ħajjitna.

Ommna Marija hija l-Omm mhux biss tagħna l-kattoliċi iżda ta' l-umanità kollha. Marija hija l-ewwel li ġiet mifdija. Hija li tnisslet mingħajr id-dnub oriġinali. Dan huwa kunċett ta' fidi u Marija hija s-sinjal ta' tama għalina. Tama li nixxenqu għal ħajja eterna ma' Marija u Ġesù. *Ad Jesum per Mariam* - Għand Ġesù permezz ta' Marija. Bl-interċessjoni ta' Marija, u f'ħajjitna ngħożżu dan il-kliem u ngħixu din il-missjoni żgur li ħajjitna tagħmel ħafna aktar sens li ngħixuha bl-għan aħħari li t-*Totus Tuus* jseħħ verament fil-vjaġġ etern ta' ħajjitna.

Ommna Marija tlissen b'umiltà kbira "Ara, jiena l-qaddejja tal-Mulej: ħa jsir minni skond kelmtek!" (Lq.1:38). Marija hija Omm il-Kelma magħmula bniedem: *Verbum Dei Caro factum est*. Marija turi l-imħabba ta' binha għalina mit-twelid sal-mewt. U f'dan il-vjaġġ aħna rridu ngħixu b'imħabba t-*Totus Tuus*. Marija f'din il-mixja ta' ħajjitna titlobna biex nitolbu r-Ružarju, nersqu lejn is-sagrament tar-rikonċiljazzjoni u nitqarbnu. Niftħu qalbna għall-indiema u nħobbu lil Binha Ġesù.

Marija tixtieqna li, bħalha, naċċettaw ir-rieda tal-Missier u nlissnu l-IVA sabiex nimxu kif tixtieqna HI, skont ix-xewqa tagħha bħala leġjunarji impenjati. B'dak kollu li nagħmlu f'ħajjitna, hemm bżonn li kuljum nikkonvertu sabiex nersqu aktar qrib binha Ġesù u b'hekk inressqu lil Binha ma' dawk li niltaqgħu magħhom. **JM**



## ĠESÙ U S-SAMARITANA ĦDEJN IL-BIR TA' ĠAKOBB

**Riflesjonijiet**

***Pittura ta' Angelica Kauffman (1741-1807) taħt it-titlu: <u>Ġesù u s-Samaritana ħdejn il-Bir (1796)</u>***



Is-Samaritana, il-mara sabiħa, tħaddan ma' djulha l-bieqja ta' l-ilma **"Kull min jixrob minn dan l-ilma jerġa' jagħtih l-għatx; imma min jixrob mill-ilma (sens metaforiku) li nagħtih jien qatt iżjed ma jkun bil-għatx. L-ilma li nagħtih jien isir fih għajn ta' l-ilma li jwassal sal-ħajja ta' dejjem"** . Hi qed tħares u tisma' b'attenzjoni kbira waqt li tixtarr kliem Ġesù. Ġesù li kien Lhudi u hi mis-Samarija - ma kinux jitħalltu flimkien! Ġesù ma jitkellimx bit-teoloġija imma b'imħabba u b'mod dirett jikxef il-ħajja mistura tas-samaritana. Iħares fiss lejn is-samaritana. U l-ħarsa tiegħu tinfed lil qalbha. Hi tħares lejn Ġesù b'ħarsa unika, profonda u mqanqla. Ġesù jaf lil min għandu quddiemu! Mhux biss, iżda mill-qagħda ta' jdejha x-xellugija tidher li daħlet f'konverzazzjoni intima ma' Ġesù. Għajnejha jitkellmu. U Ġesù, fuq ix-xelluq jidher li b'awtorità aqwa minnu qed jgħallem, waqt li subajħ il-werrej jipponta lejn is-smewwiet. Bi ħlewwa liema bħala, jpoġġi idu l-leminija qrib sidru. L-imħabba li Ġesù jrid juri lejn is-samaritana. U l-mara mis-Samarija emmnet f'Ġesù u f'dak kollu li ntqal lilha. Tliett kuluri jispikkaw u jġagħluk tħares u tieqaf tirrifletti: aħmar, blu, abjad. U x-xenarju bibliku, fuq wara, ma jisraqx il-pittura mis-suġġett prinċipali. **JM**